MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Numru 563/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Judas Thadeus Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Judas Thadeus Farrugia, ta’ 27 sena iben George u Marlene nee’ Casha imwieled Pieta’ fil-12/04/80 detentur ta’ karta ta’ identita’ nru 211380M u residenti nru 4, Cavi street Mqabba gie akkuzat talli nhar 29 ta’ Gunju 2007 ghal-habta ta’ 11.00hrs fi TriqHal-Far gewwa l-Gudja, (a) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni,

jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li kien qed isuq karozza tal-marka OPEL Corsa bin-numru tar-registrazzjoni LAC146 kkaguan incident stradali li fieh ikkaguna offiza ta’ natura gravi li ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fill-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f’parti tall-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh u li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ Jerome Cachia ml-Imriehel kif gie ccertifikat minn Dr. Moira Grech ta’ SLH u griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Cachia kif iccertifika DR. Daniela Diacono ta’ SLH. bi ksur tal-art 1(b)(c) tal-kap 9 tall-ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum lok hin u cirkustanzi saq vettura b’manjiera perikuluza traskurata u negligenti.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum lok hin u cirkustanzi involontarjament ikkaguna hsarat estensivi fuq il-vetturi Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni BAI851 ghad-dannu ta’ Francis Debatista minn Santa Venera u vetura Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni EBJ793 ghad-dannu ta’ Stefan Portelli mil-Marsa.

Il-Qorti giet mitluba li jekk tinstab htija, tiskwalifika lil Judas thadeus Farrugia minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JA3 u nnutat li l-imputat Judas Thadeus Farrugia m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 226(1)(b) u (c) u 328 tal-Kap 9 u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Judas Thadeus Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Judas Thadeus Farrugia ghall-piena komplessiva ta' elf Liri Maltin (Lm1000) multa.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-imputat Judas Thadues Farrugia milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien erba' (4) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------